MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.7.2009
KUMM(2009) 410 finali

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL- KUNSILL**

**li timplimenta Ftehim ta' Qafas rivedut dwar leave għall-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jirrevoka d-Direttiva 96/34/KE**

**(test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

# 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

## 1.1. Ir-raġunijiet wara din il-proposta u l-għanijiet tagħha

L-għan ta' din il-proposta huwa li tagħti effett legali lill-Ftehim ta' Qafas dwar il-leave għall-ġenituri, konkluż mill-imsieħba soċjali trans-industrijali (BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC) fit-18 ta' Ġunju 2009. Dan jieħu post il-ftehim preċedenti tal-14 ta' Diċembru 1995. Id-Direttiva 96/34/KE li tagħti effett legali lill-ewwel ftehim għaldaqstant se tkun revokata.

Il-Ftehim rivedut jestendi d-dritt individwali tal-ħaddiema rġiel u nisa għal leave tal-ġenituri ta' minn tlieta sa erba' xhur u jintroduċi diversi titjib u kjarifiki dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Il-ħaddiema se jkunu protetti mid-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-applikazzjoni jew it-teħid ta' leave għall-ġenituri. Ir-ritorn lejn ix-xogħol wara l-perjodu ta' leave se jkun iffaċilitat, b'mod partikolari billi jingħata d-dritt lill-ħaddiema li jitolbu ħinijiet ta' xogħol flessibbli. Il-Ftehim u din il-proposta se jikkontribwixxu għal rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol, dik privata u dik tal-familja u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol.

## 1.2. Il-kuntest ġenerali

Fil-Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010[1] adottat f'Marzu 2006, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi l-leġiżlazzjoni Ewropea eżistenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li ma kinitx inkluża fl-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid tal-2005, bil-għan li taġġorna, timmodernizza u tfassal testi mill-ġdid fejn meħtieġ. L-eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid ma kopriex id-Direttiva 96/34/KE.

F'Diċembru 2007[2], il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-qafas legali li jappoġġja r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik tal-familja u dik privata, u kull bżonn għal titjib.

Il-Parlament Ewropew talab b'mod konsistenti għal miżuri biex titjieb ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik privata u dik tal-familja, u b'mod partikolari għal titjib fil-leġiżlazzjoni attwali dwar il-leave għall-ġenituri. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Settembru 2008[3], il-Parlament kien tal-opinjoni li l-Ftehim ta' Qafas dwar il-leave għall-ġenituri jista' jittejjeb billi jkunu pprovduti inċentivi għall-missirijiet biex jieħdu leave għall-ġenituri, jitjiebu d-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jieħdu leave għall-ġenituri, l-arranġamenti għal-leave isiru aktar flessibbli u jitwal it-tul tal-leave għall-ġenituri u l-ħlas matul leave ta' din ix-xorta.

Fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti għal leġiżlazzjoni biex titjieb ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik tal-familja u dik privata, kemm fir-rigward tal-

1 COM(2006) 92.

2 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill: Ir-rwoli bilanċjati tan-nisa u tal-irġiel għall-impjiegi, għat-tkabbir ekonomiku u għall-koeżjoni soċjali (SOC 385).

3 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Settembru 2008 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel – 2008 (2008/2047(INI)), punt 28.

leave tal-maternità[4] u anki fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom u dawk li jassistu lis-sieħeb tagħhom[5]. Dan il-'pakkett ta' rikonċiljazzjoni' kien akkumpanjat minn rapport dwar is-sitwazzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ħarsien tat-tfal fl-UE[6] u minn Komunikazzjoni[7] tal-politika li fiha l-Kummissjoni ħabbret li se tieħu l-azzjoni neċessarja, jekk l-imsieħba soċjali jitolbu hekk, biex tagħti saħħa legali lil ftehim ġdid dwar leave relatat mal-familja fil-forma ta' proposta għal direttiva.

## 1.3. Id-dispożizzzjonijiet eżistenti dwar il-kwistjonijiet relatati mal-proposta

Id-Direttiva 96/34/KE, li tagħti effett legali għall-Ftehim tal-imsieħba soċjali tal-14 ta' Diċembru 1995, tipprovdi għal dritt individwali għal-leave tal-ġenituri ta' mill-anqas tliet xhur għall-ħaddiema rġiel u nisa mat-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel. Dan id-dritt jista', fil-prinċipju, jingħata fuq bażi mhux trasferibbli; Madankollu, diversi Stati Membri ħallew li l-intitolar għal-leave tal-ġenituri jkun trasferit minn ġenitur għall-ieħor, li fil-prattika jfisser li l-ommijiet jieħu leave għall-ġenituri itwal mill-missirijiet.

Id-Direttiva tipprovdi wkoll għall-ħarsien mit-tkeċċija tal-ħaddiema li jieħdu leave għall-ġenituri, għad-dritt li jirritornaw fl-istess impjieg jew wieħed ekwivalenti u għaż-żamma tad-drittijiet tal-impjieg matual il-leave għall-ġenituri. Din tistipula l-kundizzjonijiet tal-leave għall-ġenituri u r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tiegħu li l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jiddeterminaw fuq livell nazzjonali.

Fl-aħħarnett, id-Direttiva tipprovdi għad-dritt tal-ħaddiema li jieħdu ħin frank mix-xogħol għal raġunijiet urġenti relatati mal-familja fil-każ ta' mard jew inċidenti li jagħmlu l-preżenza immedjata tal-ħaddiem indispensabbli.

## 1.4. Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn tal-Unjoni

L-għan ta' din il-proposta huwa konsistenti mal-linji politiċi tal-UE u b'mod partikolari mal-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Il-promozzjoni ta' qsim aktar ugwali tar-responsabbiltajiet tal-familja mill-ommijiet u mill-missirijiet permezz tat-titjib tal-kundizzjonijiet għat-teħid tal-leave għall-ġenituri se tgħin biex tonqos id-differenza bejn is-sessi fir-rati tal-impjiegi, li hija waħda mill-miri tal-Istrateġija ta' Liżbona. Din tikkontribwixxi wkoll għal politika li tindirizza l-isfidi demografiċi tal-Ewropa.

---

4 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (COM(2008) 637 finali).

5 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività għal rashom u li tirrevoka d-Direttiva 86/613/KEE (COM(2008) 636 finali).

6 Ir-Rapport 'L-Implimentazzjoni tal-għanijiet ta' Barċellona dwar il-faċilitajiet tal-ħarsien tat-tfal f'età ta' qabel l-iskola' (COM(2008) 638 finali; anness tekniku, SEC(2008) 2597).

7 Komunikazzjoni tal-Kummisssjoni, Bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja: appoġġ akbar għar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali, privata u tal-familja, COM(2008) 635 finali.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### 2.1. Il-Konsultazzjoni

Skont l-Artikolu 138 KE, il-Kummisssjoni kkonsultat lill-imsieħba soċjali Ewropej dwar metodi aħjar biex wieħed jirrikonċilja l-ħajja professjonali, privata u tal-familja. L-ewwel stadju fil-proċess ta' konsultazzjoni[8] kien imniedi fit-12 ta' Ottubru 2006 dwar il-bżonn għal azzjoni ulterjuri fuq il-livell tal-UE. L-imsieħba soċjali kollha li rrispondew ammettew l-importanza tar-rikonċiljazzjoni, u l-maġġoranza tal-organizzazzjonijiet ikkunsidraw li kien hemm bżonn għal azzjoni ulterjuri. Madankollu, kien hemm differenza fl-opinjonijiet dwar dak li kellu jsir u fuq liema livell.

Fit-tieni stadju tal-proċess ta' konsultazzjoni[9] imniedi fit-30 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni ħarset lejn diversi metodi kif il-leġiżlazzjoni tal-ħarsien tal-maternità u tal-leave għall-ġenituri tista' tkun imtejba, u saħqet tipi ġodda ta' leave relatat mal-familja (leave tal-missirijiet, leave tal-adozzjoni, u leave għall-ħarsien ta' membri tal-familja). Fir-rigward tal-leave għall-ġenituri, id-dokument tal-Kummissjoni identifika diversi modi kif id-Direttiva eżistenti tkun imtejba: dawn kienu relatati ma' inċentivi għall-missirijiet biex jieħdu leave għall-ġenituri, drittijiet tal-impjiegi u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, it-tul tal-leave tal-ġenituri, il-flessibbiltà fit-teħid tal-leave, l-età tat-tfal u l-ħlas matul il-leave tal-ġenituri.

Id-dokument ta' konsultazzjoni talab lill-imsieħba soċjali biex: (1) jibagħtu l-opinjoni tagħhom dwar l-għanijiet u l-kontenut tal-proposti; (2) jinnotifikaw lill-Kummissjoni jekk kellhom ħsieb jibdew negozjati, skont l-Artikolu 138(4) u l-Artikolu 139 tat-Trattat tal-KE; u (3) jivvalutaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Qafas dwar il-leave għall-ġenituri bil-għan ta' reviżjoni u jirrappurtaw dwar il-progress sa Marzu 2008.

Permezz ta' ittra konġunta tal-11 ta' Lulju 2007, l-ETUC, il-BUSINESSEUROPE, is-CEEP u l-UEAPME rrispondew li kellhom l-intenzjoni li jivvalutaw l-arranġamenti dwar il-leave għall-ġenituri flimkien ma' arranġamenti oħrajn ta' appoġġ għall-ġenituri u għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, bħall-arranġamenti ta' ħinijiet flessibbli ta' xogħol u tal-ħarsien tat-tfal, kif ukoll forom oħrajn ta' leave, sabiex jevalwaw jekk kienx hemm bżonn ta' azzjoni konġunta. Kien ippreżentat rapport dwar il-progress fis-Samit Soċjali Tripartit tat-13 ta' Marzu 2008, li fih l-imsieħba soċjali trans-industrijali Ewropej qablu li 'jieħdu azzjoni konġunta biex jiksbu aħjar l-għanijiet tad-Diretiva dwar il-Leave għall-Ġenituri bħala parti minn xogħol akbar favur ir-rikonċiljazzjoni'.

Fil-11 ta' Settembru 2008, l-imsieħba soċjali infurmaw lill-Kummissjoni li se jiftħu negozjati formali bil-għan li jirrevedu d-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim ta' qafas dwar il-leave għall-ġenituri konkluż mill-UNICE, mis-CEEP u mill-ETUC. In-negozjati formali bdew fis-17 ta' Settembru 2008 u ġew konklużi fit-23 ta' Marzu 2009 wara sitt xhur u seba' rawnds ta' negozjati. Fit-18 ta' Ġunju 2009 is-Segretarjati Ġenerali ta' BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC iffirmaw il-Ftehim ta' Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri f'isem l-organizzazzjonijiet tagħhom u talbu lill-Kummissjoni tippreżenta l-Ftehim lill-Kunsill għal deċiżjoni li tagħmlu jorbot fl-Istati Membri kollha.

[8] SEC(2006) 1245.
[9] SEC(2007) 571

Matul il-preparazzjoni tal-'pakkett ta' rikonċiljazzjoni' il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri u lill-NGOs Ewropej attivi f'dan il-qasam dwar l-istess għażliet li dwarhom l-imsieħba soċjali kienu kkonsultati.

### 2.2. Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert

Biex ikun stmat il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Leave għall-Ġenituri fl-Istati Membri aktar minn 10 snin wara l-adozzjoni tagħha u ta' strumenti oħrajn fil-qasam tal-bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja personali, l-imsieħba soċjali Ewropej ikkonsultaw lill-membri tagħhom fuq livell nazzjonali permezz ta' kwestjonarju mibgħut f'Novembru 2007. Il-grupp ta' ħidma *ad hoc* dwar ir-rikonċiljazzjoni mwaqqaf biex janalizza l-informazzjoni miksuba ltaqa' darbtejn, f'Jannar u Frar 2008. Ir-rapport ta' Marzu 2008 dwar il-progress lis-Samit Soċjali Tripartit jelenka fil-qosor l-analiżi tal-imsieħba soċjali u jeżamina l-arranġamenti tal-leave, l-arranġamenti tax-xogħol u l-infrastruttura tal-ħarsien.

Matul il-preparazzjoni tal-'pakkett ta' rikonċiljazzjoni' il-Kummissjoni kkummissjonat studju (finalizzat f'Ġunju 2008) dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri ta' rikonċiljazzjoni, li kien jinkludi diversi għażliet għall-emendar tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-leave għall-ġenituri. In-netwerk ta' esperti legali indipendenti tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi bagħtet rapport fl-2007 dwar id-drittijiet tat-tqala, tal-maternità, tal-ġenituri u tal-missirijiet[10] fl-Istati Membri.

### 2.3. L-istima tal-impatt

Il-Kummissjoni ħejjiet stima tal-impatt[11] fuq il-bażi tal-għażliet leġiżlattivi msemmija fid-dokument konsultattiv tat-tieni stadju tal-2007 li ntbagħat lill-imsieħba soċjali. L-istima tal-impatt, li takkumpanja l-proposta dwar il-leave tal-maternità, ikkunsidrat ukoll l-għażla li temenda d-dispożizzjonijiet dwar leave għall-ġenituri. Din tat stima pożittiva tal-għażla li tagħti xahar addizjonali ta' leave għall-ġenituri, fl-ipoteżi li l-leave tal-ġenituri jkun imħallas bir-rata ta' 66 % tal-aħħar paga u li x-xahar addizzjonali jingħata biss jekk iż-żewġ ġenituri jkunu ħadu tal-anqas xahar leave qabel.

Billi din l-ipoteżi ma nżammitx mill-imsieħba soċjali, il-konklużjoni se tkun differenti. Fuq naħa l-ispejjeż diretti jistgħu jkunu anqas billi l-ħlas ma jsirx mandatorju. Min-naħa l-oħra l-benefiċċji għall-ġenituri li jaħdmu se jkunu anqas evidenti ukoll, billi wieħed ma jistax jistenna li t-teħid ta' leave għall-ġenituri bla ħlas, b'mod partikolari mill-missirijiet, ikun għoli.

Il-Kummissjoni ma ppreparatx stima tal-impatt speċifika dwar din il-proposta, billi din mhijiex rikjesta tagħmel dan meta tipproponi li jingħata effett legali għal ftehim tal-imsieħba soċjali skont l-Artikolu 139(2) KE.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Il-bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 139(2) KE.

---

[10] Ara http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=641&langId=en&moreDocuments=yes.
[11] SEC(2008) 2526/2

L-Artikolu 139(2) KE jistipula li l-ftehimiet konklużi mill-imsieħba soċjali fuq livell Komunitarju dwar kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 137 KE għandhom ikunu implimentati 'fuq talba konġunta tal-partijiet firmatarji, permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta tal-Kummisssjoni.' Dan ikompli li 'Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, minbarra meta l-ftehim kkonċernat fih dispożizzjoni waħda jew aktar dwar waħda mill-oqsma li jirrikjedu unanimità skont l-Artikolu 137(2). F'dak il-każ dan għandu jaġixxi b'mod unanimu.'

Il-ftehim konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC jimmira li jtejjeb ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, tal-familja u dik privata, li huwa mezz biex tinkiseb 'ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol', qasam regolat mill-Artikolu 137 KE. Din hija waħda mill-oqsma li fihom il-Kunsill jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. L-Artikolu 139(2) KE huwa għaldaqstant il-bażi legali xierqa għal din il-proposta tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 139(2) KE ma jipprovdix għall-involviment tal-Parlament fil-proċedura leġiżlattiva. Madankollu, skont l-impenji preċendenti, il-Kummissjoni se tinforma lill-Parlament dwar il-proposta tagħha biex dan ikun jista', jekk jixtieq, jagħti opinjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill. L-istess japplika għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

### 3.2. L-analiżi tal-Ftehim

Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummisssjoni[12] li tistipula r-regoli għall-implimentazzjoni tal-ftehim skont l-Artikolu 139 KE, 'il-Kummissjoni se tipprepara proposti għal deċiżjonijiet lill-Kunsill wara kunsiderazzjoni tal-istat rappreżentattiv tal-partijiet kuntrattwali, il-mandat tagħhom, u l-'legalità' ta' kull klawżola fil-ftehim kollettiv fir-rigward tal-liġi Komunitarja, u d-dispożizzjonijiet dwar impriżi żgħar u ta' daqs medju stipulati fl-Artikolu [137(2)(b) tat-Trattat tal-KE].' Dik il-valutazzjoni *ex-ante* hija mfissra hawn taħt.

#### *3.2.1. Ir-rappreżentattività tal-partijiet firmatarji u l-mandat tagħhom*

Id-dritt tal-imsieħba soċjali li jkunu kkonsultati u li jinnegozjaw ftehim biex ikun implimentat minn deċiżjoni tal-Kunsill huwa bbażat fuq ir-rappreżentattività tagħhom Fl-1995 il-Ftehim ta' Qafas dwar il-leave għall-ġenituri kien iffirmat mill-imsieħba soċjali trans-industrijali Ewropej ETUC, CEEP u UNICE (illum imsejħa 'BUSINESSEUROPE'). L-istudji kkummissjonati mill-Kummissjoni fl-1999[13] u fl-2004[14] wrew li r-rappreżentattività tagħhom ma nbidlitx b'mod sostanzjali u li l-membri tagħhom issa jinkludu l-imsieħba soċjali ewlenin trans-industrijali fl-Istati Membri l-ġodda.

BUSINESSEUROPE (il-Konfederazzjoni tan-Negozji Ewropej) tkompli tkun l-aktar organizzazzjoni rappreżentattiva ta' min iħaddem fl-Unjoni Ewropea b'membri fl-Istati Membri kollha li jkopru s-setturi kollha tal-industrija u l-kategoriji kollha ta' intrapriżi. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-konfederazzjonijiet nazzjonali ewlenin ta' min iħaddem u

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-politika soċjali (COM(93) 600 finali tal-14 ta' Diċembru 1993).

[13] Rapport dwar ir-rappreżentattività tal-organizzazjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej, Parti 1, Institut des Sciences du Travail — Université Catholique de Louvain, Settembru 1999.

[14] Monografi tas-sitwazzjoni tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni u dawk kandidati, il-livell inter-settorali, Institut des Sciences du Travail — Université Catholique de Louvain, Marzu 2004.

tal-industrija huma affiljati ma' BUSINESSEUROPE. Il-membri tagħha għandhom rwol dirett jew indirett fin-negozjar kollettiv.

Is-CEEP (Iċ-Ċentru Ewropew ta' Min Iħaddem u tal-Intrapriżi li jipprovdu Servizzi Pubbliċi) jirrappreżenta l-intrapriżi tas-settur pubbliku jew l-intrapriżi ta' interess ġenerali fil-maġġoranza tal-Istati Membri u għaldaqstant iżid ir-rappreżentaza ta' min iħaddem, b'mod partikolari fis-settur pubbliku fuq livell lokali u fis-setturi ta' interess ekonomiku ġenerali.

L-ETUC (European Trade Union Confederation – Il-Konfederazzjoni tat-Trejdjunjins Ewropej), li tkopri l-biċċa l-kbira tal-konfederazzjonijiet trejdjunjonistiki fl-Istati Membri kollha, tibqa' l-akbar organizzazzjoni tredjunjonistika fl-Ewropa. Il-membri tagħha għandhom rwol prinċipali fin-negozjar kollettiv fl-Istati Membri u jirrappreżentaw is-setturi kollha tal-industrija. Il-kumitat kollaborattiv Eurocadres/CEC kien ukoll irrappreżentat fin-negozjati bħala parti mid-delegazzjoni ETUC. L-Eurocadres (il-Kunsill tal-professjonisti u tal-persunal amministrattiv Ewropej) u s-CEC (l-Amministraturi Ewropej), iż-żewġ organizzazzjonijiet trans-industrijali li jirrappreżentaw il-professjonisti u l-persunal amministrattiv, huma membri regolari tad-delegazzjoni tal-ETUC fid-djalogu soċjali Ewropew, u għalhekk isaħħu r-rappreżentattività.

Il-Ftehim il-ġdid kien innegozjat u ffirmat mill-istess firmatarji tal-1995, li huma t-tliet organizzazzjonijiet trans-industrijali ġenerali rrikonoxxuti. Barra minn dan, l-UEAPME (European Association of Craft, Small and Medium-sized Enterprises – l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Artiġjanat, tal-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju) pparteċipat ukoll fin-negozjati u ffirmat il-Ftehim. L-UEAPME hija rrikonoxuta bħala organizzazzjoni Ewopea tal-imsieħba soċjali trans-industrijali li tirrappreżenta ċerta kategorija ta' impriżi. Hija l-organizzazzjoni Ewropea prinċipali li tirrappreżenta l-interessi tal-IŻM, b'membri fil-maġġoranza tal-Istati Membri, li xi wħud minnhom huma attivi fin-negozjar kollettiv fuq livell nazzjonali. L-organizzazzjoni għalhekk isaħħaħ ir-rappreżentattività ta' min iħaddem.

Il-Kummissjoni tinnota li l-erba' organizzazzjonijiet kellhom mandat speċifiku mill-membri nazzjonali tagħhom għal negozjati dwar il-leave għall-ġenituri u kkonkludew il-Ftehim f'isem il-membri tagħhom. L-erbgħa li huma approvaw ir-riżultat tan-negozjati skont il-proċeduri interni tagħhom tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-kundizzjonijiet tar-rappreżentattività huma għalhekk rispettati.

*3.2.2. Il-legalità tal-klawżoli fil-Ftehim*

Il-Kummissjoni evalwat bi skrutinju l-klawżoli kollha tal-Ftehim ta' Qafas u ma sabet l-ebda kontravenzjoni tal-liġi Komunitarja. L-obbligazzjonijiet tal-Istati Membri joriġinaw mill-arranġamenti ta' implimentazzjoni tal-Ftehim skont id-Direttiva, aktar milli direttament mill-Ftehim innifsu.

Is-sustanza tal-Ftehim taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 137 KE u ta' dak imniżżel fid-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni tat-tieni stadju. Dan idaħħal diversi adattamenti filwaqt li jżomm il-prinċipji prinċipali fil-Ftehim kurrenti. Dan jelenka r-rekwiżiti minimi u jippermetti li l-Istati Membri jdaħħlu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli skont l-Artikolu 137 KE. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-Ftehim jilħaq il-kundizzjonijiet ta' legalità.

### *3.2.3. Id-dispożizzjonijiet dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*

Skont l-Artikolu 137(2) KE, il-leġiżlazzjoni fil-qafas soċjali jenħtieġ li tevita milli timponi restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'manjiera li żżomm lura l-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Bħall-predeċessur tiegħu dan il-Ftehim jagħti attenzjoni partikolaru għas-sitwazzjoni tal-IŻM. Il-Klawżola 3(1)(d) speċifikament tippermetti 'arranġamenti speċjali biex jintlaħqu r-rekwiżiti operazzjonali u organizzattivi ta' impriżi żgħar'. Klawżoli oħrajn jippermettu l-amministrazzjoni flessibbli tal-leave għall-ġenituri, b'kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet speċifiċi ta' min iħaddem f'intrapriżi żgħar (ara l-Klawżoli 3(1)(a) u (c) u l-Klawżoli 3(2) u 6(1)).

L-ebda klawżola ma tidher li timponi piżijiet mhux xierqa fuq l-IŻM. Barra minn dan, l-UEAPME, l-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi speċifiċi tal-IŻM fuq il-livell tal-UE ħadet sehem fin-negozjati u approvat il-Ftehim.

## 3.3. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

L-għan ta' din il-proposta huwa li taġġorna l-istandards komuni minimi Ewropej dwar l-għoti ta' leave għall-ġenituri lill-ħaddiema bi tfal żgħar u l-protezzjoni tagħhom fir-relazzjoni tal-impjieg, u għalhekk li toħloq ambjent ġust f'dan l-aspett kritiku tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik privata u dik tal-familja. Dan jista' biss jinkiseb permezz ta' miżura madwar il-Komunità u mhux mill-Istati Membri waħedhom. Kemm l-imsieħba soċjali Ewropej u l-Kummisssjoni huma konvinti mill-bżonn ta' azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam.

Minkejja dan, il-Ftehim jistipula biss il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-leave għall-ġenituri u jħalli d-deċiżjonijiet dwar ir-regoli għall-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji f'idejn l-Istati Membri. Permezz ta' referenza spissa għall-poteri diskreti tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali nazzjonali f'numru ta' oqsma, il-Ftehim u l-proposta jevitaw li jkunu preskrittivi żżejjed u jħallu ambitu konsiderevoli biex id-dispożizzjonijiet ikunu adattati għas-suq tax-xogħol tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-fatt li d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-proposta (jiġifieri dawk l-aktar attwalment ikkonċernati mill-miżuri differenti) kienu mfassla minn rappreżentattivi leġittimi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem aktar milli mill-Kummissjoni hija garanzija oħra tar-rispett għall-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Fir-rigward tal-proporzjonalità, il-proposta ma tmurx lil hemm minn dak li hemm bżonn biex jintlaħqu l-għanijiet. Din tistipula standards bażiċi minimi filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri li jixtiequ jadottaw miżuri aktar iebsin biex jagħmlu dan.

Il-proposta, li tittratta l-kwistjoni kif xieraq u li ma tmurx lil hemm minn dak li huwa assolutament neċessarju fuq il-livell tal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet, għalhekk hija konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

## 3.4. L-għażla ta' strument

Il-proposta tfittex li tieħu post id-Direttiva eżistenti.

It-terminu 'deċiżjoni tal-Kunsill' fl-Artikolu 139(2) KE trid tinftiehem fil-kuntest ġenerali bħala referenza għal strumenti li jorbtu legalment skont l-Artikolu 249 KE. Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiddeċiedi u tipproponi liema mit-tliet strumenti li jorbtu

(direttiva, regolament jew deċiżjoni) huwa l-aktar xieraq. L-għan tal-Ftehim huwa li jistabbilixxi rekwiżiti minimi li, skont it-tip u s-sustanza tal-Ftehim, huma applikati bl-aħjar mod indirettament permezz ta' dispożizzjonijiet li jridu jkunu trasposti f'liġi nazzjonali mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali. L-istrument xieraq huwa għalhekk direttiva tal-Kunsill li magħha huwa mehmuż il-Ftehim.

### 3.5. It-tabella korrelattiva

L-Istati Membri huma mitluba jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva, flimkien ma' tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

### 3.6. Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Billi l-Ftehim huwa ta' rilevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva għandha tkun applikabbli għall-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea li mhumiex Membri tal-UE, wara deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

## 4. L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Komunità.

## 5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

### 5.1. It-Test tad-Direttiva

*Artikolu 1*

Dan l-Artikolu se jagħmel il-Ftehim bejn l-imsieħba soċjali, mehmuż mad-Direttiva, jorbot legalment madwar l-Unjoni Ewropea, li huwa l-għan tad-deċiżjoni tal-Kunsill adotatta skont l-Artikolu 139(2) KE.

*Artikolu 2*

L-Artikolu propost huwa l-Artikolu tas-soltu dwar il-penali. Dan mistenni jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Qafas. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[15], dan l-Artikolu dwar il-penali jistipula li ma għandu jkun hemm l-ebda limitu massimu fuq il-kumpens li għandu jitħallas f'każijiet ta' ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix li jkunu introdotti pieni kriminali. Dan jikkodifika l-ġurisprudenza eżistenti u jarmonizza d-Direttiva flimkien mad-Direttivi l-oħrajn dwar trattament ugwali.

*L-Artikoli 3, 5 u 6*

Dawn l-Artikoli jistipulaw id-dispożizzjonijiet tas-soltu dwar it-traspożizzjoni fil-liġi tal-Istati Membri u d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-possibiltà ta' traspożizzjoni permezz ta' negozjar kollettiv. Id-dispożizzjonjiet speċifiċi kienu stabbiliti mill-imsieħba soċjali fil-Ftehim u huma ekwivalenti għal dawk fid-Direttiva fis-seħħ bħalissa.

---

[15] Il-Każijiet C-180/95 Draehmpaehl, [1997] ECR I-2195 u l-Każ C-271/91, Marshall [1993] ECR I-4367.

*Artikolu 4*

Dan l-Artikolu jagħmilha ċara li din id-Direttiva tirrevoka u tieħu post id-Direttiva fis-seħħ bħalissa dwar leave għall-ġenituri.

## 5.2. It-Test tal-Ftehim fl-Anness tad-Direttiva

L-ispjegazzjonjiet li ġejjin jirreferu biss għal dawk il-klawżoli fil-Ftehim li jemendaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fis-seħħ bħalissa.

*Klawżola 1: L-għan u l-ambitu*

Il-paragrafu 1 jistipula li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim huma intiżi jikkunsidraw iż-żieda fid-diversità tal-istruttura tal-familja (inkluż familji b'ġenitur wieħed, koppji mhux miżżewġa u koppji tal-istess sess) mingħajr ma jistaqsi l-kompetenza tal-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet tal-liġi tal-familja.

Il-paragrafu 3 jagħmilha ċara li l-Ftehim japplika għall-forom kollha ta' kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg, inkluż xogħol part-time, xogħol ta' terminu fiss jew xogħol ta' aġenzija temporanja.

*Klawżola 2: Il-leave għall-ġenituri*

Id-dritt tal-ġenituri li jaħdmu għal-leave tal-ġenituri huwa estiż minn tliet għal erba' xhur għal kull tifel. Il-prinċipju ġenerali li l-leave għall-ġenituri huwa dritt individwali u ma jistax ikun trasferit minn ġenitur għall-ieħor huwa miżmum. Barra minn dan, biex ikun inkoraġġit it-teħid tal-leave għall-ġenituri b'mod aktar ugwali bejn l-ommijiet u l-missirijiet, il-Ftehim jipprovdi li tal-anqas xahar wieħed mill-erba' xhur ma jista jkun trasferit taħt l-ebda ċirkostanza.(u għalhekk jintilef jekk ġenitur wieħed biss jieħu leave għall-ġenituri).

*Klawżola 3: Ir-regoli tal-applikazzjoni*

Il-pragrafu 1(a) jagħmilha ċara li t-teħid flessibbli tal-leave għall-ġenituri jrid ikun deċiż skont l-interessi kemm tal-ħaddiem kif ukoll ta' min iħaddem.

Il-paragrafu 1(b) iżomm il-perjodu ta' kwalifikazzjoni possibbli għal sena, iżda jagħmilha ċara li, fil-każ ta' kuntratti suċċessivi ta' żmien stipulat mal-istess kumpanija, it-tul totali ta' dawn il-kuntratti jrid ikun ikkunsidrat għall-fini tal-kalkolu ta' dak il-perjodu ta' kwalifikazzjoni.

Il-lista indikattiva taċ-ċirkostanzi skont liema l-għoti tal-leave għall-ġenituri jista' jkun pospost hija mneħħija minn paragrafu 1(c) mingħajr ebda emenda għas-sustanza tad-dispożizzjoni.

Il-paragrafu 2 jagħmel il-perjodu ta' avviż li l-ħaddiem irid jagħti lil min iħaddmu meta jeżerċita d-dritt tiegħu/tagħha ta' leave għall-ġenituri mandatorju fuq livell nazzjonali. Fid-determinazzjoni tat-tul ta' dawk il-perjodi, kemm l-interessi tal-ħaddiem kif ukoll ta' min iħaddem iridu jkunu kkunsidrati.

Il-paragrafu 3 jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali jistmaw il-bżonn li jirranġaw il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-leave għall-ġenituri għall-bżonnijiet ta' ġenituri bi tfal b'diżabilità jew b'mard fit-tul.

*Klawżola 4: L-adozzjoni*

Din il-Klawżola tipprovdi għal stima tal-bżonn ta' miżuri addizjonali biex jittrattaw il-bżonnijiet speċifiċi tal-ġenituri li jadottaw, biex dan isir fuq livell nazzjonali. Id-dritt ġenerali għall-ġenituri li jadottaw għal-leave tal-ġenituri huwa miżmum fil-Klawżola 2(1).

*Klawżola 5: Id-drittijiet tal-ħaddiema u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni*

Il-paragrafu 4 issa jipprojbixxi kull forma ta' trattament mhux favorevoli, mhux biss tkeċċija fuq il-bażi ta' applikazzjoni jew teħid ta' leave għall-ġenituri. Bħala riżultat il-ħaddiema li jieħdu l-leave għall-ġenituri għandhom ħarsien aħjar mid-diskriminazzjoni fuq dik il-bażi.

Il-paragrafu 5 (it-tieni sentenza) jagħmilha ċara li d-deċiżjonijiet dwar ħlas u dħul matul il-leave għall-ġenituri għandhom jittieħdu mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali fuq livell nazzjonali, u jisħaq l-importanza tar-rwol tad-dħul fit-teħid attwali tal-leave għall-ġenituri.

*Klawżola 6: Ir-ritorn lejn ix-xogħol*

Il-paragrafu 1 jistabbilixxi d-dritt tal-ħaddiema li jirritornaw mil-leave għall-ġenituri li jitolbu tibdil fil-ħinijiet u/jew fil-mudell tax-xogħol tagħhom għal perjodu stipulat. Min iħaddem irid jikkunsidra u jirrispondi għal dawn it-talbiet għal ħinijiet flessibbli fid-dawl tal-bżonnijiet tagħhom u dawk tal-ħaddiema. Din il-miżura hija intiża biex tippromwovi rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja għall-ġenituri li jaħdmu, anki wara li jintemm il-perjodu tal-leave.

Il-paragrafu 2 jinkoraġġixxi lill-ħaddiema u lil min iħaddem iżommu kuntatt matul il-leave u jagħmlu arranġamenti għal miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid xierqa wara t-tmiem tal-leave. L-għan ta' din ir-rakkomandazzjoni hija li tiffaċilita r-ritorn lejn ix-xogħol wara l-leave għall-ġenituri.

*Klawżola 7:* Ħin frank mix-xogħol abbażi ta' forza maġġuri

Din il-klawżolat ma tintroduċi l-ebda punt ġdid.

*Klawżola 8: Dispożizzjonijiet finali*

Din il-klawżola żżomm id-dispożizzjonijiet ġenerali finali fil-Ftehim attwali, inkluż il-klawżola ta' 'standards minimi', li tistipula li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stipulati fil-Ftehim, u klawżola ta' 'nuqqas ta' rigressjoni'.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL- KUNSILL**

**li timplimenta Ftehim ta' Qafas rivedut dwar leave għall-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jirrevoka d-Direttiva 96/34/KE**

**(test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 139(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[16],

Billi:

(1) L-Artikolu 137 tat-Trattat jippermetti lill-Komunità li tappoġġja u tikkumplimenta l-attivitajiet tal-Istati Membri, fost l-oħrajn fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-oppportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol.

(2) Id-djalogu soċjali fuq il-livell Komunitarju jista', skont l-Artikolu 139(1) tat-Trattat, iwassal għal relazzjonijiet kuntrattwali, inkluż ftehim, jekk l-amministrazzjoni u x-xogħol (l-'imsieħba soċjali') jixtiequ hekk. L-imsieħba soċjali jistgħu, skont l-Artikolu 139(2) tat-Trattat, jitolbu b'mod konġunt li l-ftehim konkluż minnhom fuq livell Komunitarju dwar kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 137 tat-Trattat ikun implimentat minn deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

(3) Ftehim ta' Qafas dwar il-leave għall-ġenituri kien konkluż mill-imsieħba soċjali trans-industrijali Ewropej (l-ETUC, l-UNICE u s-CEEP) fl-14 ta' Diċembru 1995 u dan ingħata effett legali mid-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996[17]. Dik id-Direttiva kkontribwixxiet ħafna għat-titjib tal-opportunitajiet disponibbli għall-ġenituri li jaħdmu fl-Istati Membri biex dawn jirrikonċiljaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja aħjar permezz ta' arranġamenti ta' leave.

(4) Skont l-Artikoli 138(2) u (3) tat-Trattat, il-Kummissjoni kkonsultat l-imsieħba soċjali Ewropej fl-2006 u fl-2007 dwar modi għal aktar titjib tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik privata u dik tal-familja u, b'mod partikolari, għal titjib tal-leġiżlazzjoni eżistenti Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-maternità u l-leave għall-ġenituri, u dwar il-possibilità li jkunu mdaħħla tipi ġodda ta' leave relatat mal-familja, bħal-leave għall-missirijiet, il-leave għall-adozzjoni u leave għall-ħarsien ta' membri tal-familja.

---

16 ĠU C , , p. .

17 ĠU L 145, 19.6.1996, p. 4

(5) It-tliet organizzazzjonijet tal-imsieħba soċjali ġenerali trans-industrijali Ewropej (l-ETUC, is-CEEP u BUSINESSEUROPE, qabel imsejħa UNICE) u l-organizzazzjoni tal-imsieħeb soċjali trans-industrijali Ewropej li jirrappreżenta ċerta kategorija ta' impriżi (l-UEAPME) infurmaw lill-Kummissjoni fil-11 ta' Settembru 2008 bix-xewqa tagħhom li jidħlu f'negozjati, skont l-Artikolu 138(4) u l-Artikolu 139 tat-Trattat, bil-għan li jkun reviżjonat il-Ftehim ta' Qafas dwar leave għall-ġenituri konkluż fl-1995.

(6) Fit-18 ta' Ġunju 2009 dawn l-organizzazzjonijiet iffirmaw il-Ftehim ta' Qafas rivedut dwar leave għall-ġenituri u bagħtu talba konġunta lill-Kummissjoni biex din tissottometti proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Ftehim ta' Qafas.

(7) Matul il-kors tan-negozjati l-imsieħba soċjali Ewropej irrevedew kompletament il-Ftehim ta' Qafas tal-1995 dwar leave għall-ġenituri. Għaldaqstant id-Direttiva 96/34/KE għandha tkun irrevokata u mibdula minn direttiva ġdida minflok tkun sempliċement emendata.

(8) Billi l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri t-titjib tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja għall-ġenituri li jaħdmu u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol madwar il-Komunità, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(9) Matul l-abbozz tal-proposta għal Direttiva, il-Kummissjoni kkunsidrat l-istat rappreżentattiv tal-partijiet firmatarji, tal-mandat tagħhom u tal-legalità tal-klawżoli tal-Ftehim ta' Qafas u tal-konformità tiegħu mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jikkonċernaw l-impriżi żgħar u ta' daqs medju;

(10) Il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bil-proposta tagħha.

(11) Il-klawżola 1(1) tal-Ftehim ta' Qafas, skont il-prinċipji tal-liġi Komunitarja fil-qasam tal-politika soċjali, tistabbilixxi li l-Ftehim jistipula rekwiżiti minimi.

(12) Il-klawżola 8(1) tistipula li l-Istati Membri jistgħu jdaħħlu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stipulati fil-Ftehim.

(13) Il-klawżola 8(2) tistipula li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ma għandhiex tikkonstitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħtija lill-ħaddiema koperti minn dan il-ftehim.

(14) L-Istati Membri għandhom jipprovdu pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi f'każ ta' kwalunkwe ksur tal-obbligi skont din id-Direttiva.

(15) L-Istati Membri jistgħu jafdaw lill-imsieħba soċjali, fuq talba konġunta tagħhom, bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm jieħdu l-passi kollha neċessarji biex jiżguraw li jkunu jistgħu dejjem jiggarantixxu r-riżultati imposti b'din id-Direttiva,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Din id-Direttiva tagħti effett lill-Ftehim ta' Qafas rivedut dwar leave għall-ġenituri konkluż fit-18 ta' Ġunju 2009 mill-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali trans-industrijali Ewoprej (BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC), kif stipulat fl-Anness.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali ffissati għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. Dawn jistgħu jinkludu ħlas ta' kumpens, li ma jistax ikun limitat permezz ta' limitu massimu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 3 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva jew jiżguraw li l-imsieħba soċjali jkunu daħħlu l-miżuri neċessarji bi ftehim mhux aktar tard minn [sentejn wara l-adozzjoni] Dawn għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddisponu minn żmien addizjonali ta' massimu ta' sena biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, jekk dan huwa neċċesarju biex jittieħed kont ta' diffikultajiet partikolari jew implimentazzjoni bi ftehim kollettiv. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummisssjoni bl-[iskadenza tal-perjodu tal-implimentazzjoni] mill-aktar fis, u jagħtu r-raġunijiet għall-bżonn ta' perjodu addizzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Id-Direttiva 96/34/KE għandha tiġi revokata b'seħħ minn [daħħal id-data tal-iskadenza għall-implimentazzjoni].

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, […]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*

# ANNESS

## FTEHIM TA' QAFAS DWAR LEAVE GĦALL-ĠENITURI (RIVEDUT)

## IT-18 TA' ĠUNJU 2009

### PREAMBOLU

Dan il-ftehim ta' qafas bejn l-imsieħba soċjali Ewropej BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC (u l-kumitat kollaborattiv Eurocadres/CEC) jirrevedi l-ftehim ta' qafas dwar leave għall-ġenituri, konkluż fl-14 ta' Diċembru 1995, li jistipula r-rekwiżiti minimi dwar leave għall-ġenituri, bħala mezz importanti ta' rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet professjonali u dawk tal-familja u li jippromwovi opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

L-imsieħba soċjali Ewropej jitolbu lill-Kummissoni tippreżenta dan il-ftehim ta' qafas lill-Kunsill għal deċiżjoni tal-Kunsill li tagħmel dawn ir-rekwiżiti jorbtu fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

### I – KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

1. Wara li kkunsidraw it-Trattat KE, u b'mod partikulari tal-Artikoli 138 u 139 tiegħu,

2. Wara li kkunsidraw l-Artikoli 137(1)(c) u 141 tat-Trattat tal-KE u l-prinċipju ta' trattament ugwali (l-Artikoli 2, 3 u 13 tat-Trattat tal-KE) u l-leġiżlazzjoni sekondarja bbażata fuq dan, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa;[18] id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu;[19] id-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE li temenda d-Direttiva 86/378/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fi skemi tax-xogħol tas-sigurtà soċjali;[20] u d-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid);[21]

3. Wara li kkunsidraw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2000 u l-Artikolu 23 u 33 tagħha dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u tal-familja;

4. Wara li kkunsidraw ir-Rapport tal-2003 mill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta'Ġunju 1996 dwar il-ftehim ta' qafas dwar leave għall-ġenituri konkluż mill-UNICE, mis-CEEP u mill-ETUC;

---

18 ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19-20.
19 ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1-8.
20 ĠU L 46, 17.2.1997, p. 20-24.
21 ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23-36.

5. Wara li kkunsidraw l-għan tal-Istrateġija ta' Liżbona dwar it-tkabbir u l-impjiegi li tkabbar ir-rati tal-impjiegi ġenerali għal 70 %; ir-rati tal-impjiegi tan-nisa għal 60 % u r-rati tal-impjiegi ta' ħaddiema ta' età akbar għal 50 %; kif ukoll il-miri ta' Barċellona dwar il-provvista ta' faċilitajiet għall-ħarsien tat-tfal; u l-kontribuzzjoni tal-politiki għat-titjib tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u dik tal-familja fil-kisba ta' dawn il-miri;

6. Wara li kkunsidraw il-Qafas ta' Azzjonijiet dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-imsieħba soċjali Ewropej tat-22 ta' Marzu 2005 li fiha l-appoġġ għall-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja huwa kkunsidrat qasam ta' prijorità għal azzjoni, filwaqt li huwa rikonoxxut li, biex ikompli jsir progress fil-qasam tar-rikonċiljazzjoni, hemm bżonn ta' firxa ta' politika koerenti, bbilanċjata u integrata li tinkludi arranġamenti ta' leave, arranġamenti dwar ix-xogħol u infrastrutturi ta' ħarsien;

7. Billi l-miżuri biex titjieb ir-rikonċiljazzjoni huma parti minn aġenda politika usa' li tittratta l-bżonnijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema u li ttejjeb l-adattabilità u l-impjegabilità, bħala parti minn approċċ ta' flessigurtà;

8. Billi l-politika favur il-familja għandha tikkontribwixxi għall-kisba ta' ugwaljanza bejn is-sessi u tkun ikkunsidrata fid-dawl tat-tibdil demografiku, l-effetti ta' popolazzjoni b'età medja li qed tikber, filwaqt li titnaqqas id-differenza bejn is-sessi, ikun hemm promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xogħol u l-qsim tar-responsabbiltajiet tal-ħarsien bejn l-irġiel u n-nisa;

9. Billi l-Kummissjoni kkonsultat lill-imsieħba soċjali Ewropej fl-2006 u fl-2007 fil-konsultazzjoni tal-ewwel u tat-tieni stadju dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u dik tal-familja u, fost affarijiet oħrajn, ittrattat din il-kwistjoni tal-aġġornament tal-qafas regolatorju fuq livell Komunitarju, u inkoraġġixxiet lill-imsieħba soċjali Ewropej biex jivvalutaw id-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' qafas tagħhom dwar il-leave għall-ġenituri bil-għan ta' reviżjoni;

10. Billi l-Ftehim ta' Qafas tal-imsieħba soċjali Ewropej tal-1995 dwar il-leave għall-ġenituri kien katalista għal bidla pożittiva, żgura bażi komuni dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja fl-Istati Membri u kellu rwol sinifikanti fl-għajnuna biex is-sħab li jaħdmu fl-Ewropa jsibu rikonċiljazzjoni aħjar; madankollu, abbażi ta' valutazzjoni konġunta, l-imsieħba soċjali Ewropej jikkunsidraw li ċerti elementi tal-ftehim hemm bżonn ikunu emendati jew riveduti sabiex jinkisbu aħjar l-għanijiet tiegħu;

11. Billi ċerti aspetti hemm bżonn li jkunu emendati, b'kunsiderazzjoni għaż-żieda fid-diversità tal-ħaddiema u l-iżviluppi soċjali inkluż iż-żieda fid-diversità tal-istrutturi familjari, b'rispett għal-liġi, il-ftehimiet kollettivi u/jew il-prattiċi nazzjonali;

12. Billi f'ħafna Stati Membri li jinkoraġġixxu lill-irġiel jassumu responsabbiltà familjari ugwali ma wasslux għal riżultati suffiċjenti; għaldaqstant, hemm bżonn ta' miżuri aktar effettivi biex ikun inkoraġġit sehem aktar ugwali tar-responsabbiltajiet bejn l-irġiel u n-nisa;

13. Billi ħafna Stati Membri diġà għandhom firxa ta' miżuri u prattiċi tal-politika dwar faċilitajiet ta' leave, ħarsien tat-tfal u arranġamenti ta' xogħol flessibbli, mfassla għall-bżonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem u li jimmiraw li jappoġġjaw lill-ġenituri fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali tagħhom, dik privata u dik tal-familja; dan għandu jkun ikkunsidrat meta jkun implimentat dan il-ftehim;

14. Billi dan il-ftehim ta' qafas huwa element tal-azzjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej fil-qasam tar-rikonċiljazzjoni;

15. Billi l-ftehim preżenti huwa ftehim ta' qafas li jistabbilixxi ħtiġijiet minimi u dispożizzjonijiet għal-leave tal-genituri, kif distint mil-leave tal-maternità, u minn ħin frank mix-xogħol abbażi ta' forża maġġuri, u jirreferi lura għall-Istati Membri u l-imsieħba soċjali għat-twaqqif tal-kundizzjonijiet ta' aċċess u regoli dettaljati tal-applikazzjoni li jikkunsidraw is-sitwazzjoni f' kull Stat Membru;

16. Billi d-dritt ta' leave għall-ġenituri f'dan il-ftehim huwa dritt individwali u fil-prinċipju mhux trasferibbli, u l-Istati Membri għandhom id-dritt jagħmluh trasferibbli. L-esperjenza turi li l-leave mhux trasferibbli jista' jkun ta' inċentiva pożittiva għat-teħid mill-missirijiet, l-imsieħba soċjali Ewropej għalhekk jaqblu li parti mil-leave issir mhux trasferibbli;

17. Billi huwa importanti li jkunu kkunsidrati l-bżonnijiet speċjali tal-ġenituri bi tfal b'diżabbiltajiet jew mard fit-tul;

18. Billi l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-manutenzjoni ta' intitolamenti għall-benefiċċji in natura taħt assigurazzjoni tal-mard tul perjodu minimu ta' leave għall-ġenituri;

19. Billi l-Istati Membri għandhom ukoll, meta xieraq skont il-kundizzjonijiet nazzjonali u b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni tal-baġit, jikkunsidraw il-manutenzjoni ta' intitolamenti għall-benefiċċji rilevanti tas-sigurtà soċjali matul il-perjodu minimu tal-leave għall-ġenituri kif ukoll ir-rwol tad-dħul fost fatturi oħrajn fit-teħid ta' leave għall-ġenituri fl-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim;

20. Billi l-esperjenza fl-Istati Membri wriet li l-livell ta' dħul matul il-leave għall-missirijiet huwa fattur li jinfluwenza t-teħid mill-ġenituri, speċjalment mill-missirijiet;

21. Bili l-aċċess għal arranġamenti flessibbli tax-xogħol jagħmilha aktar faċli għall-ġenituri li jikkumbinaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-ġenituri u jiffaċilita r-ritorn lejn ix-xogħol, speċjalment wara r-ritorn mil-leave għall-ġenituri;

22. Billi l-arranġamenti għal-leave għall-ġenituri huma intiżi jappoġġjaw ġenituri li jaħdmu matul perjodu speċifiku ta' żmien, bil-għan li jżommu u jippromwovu l-parteċipazzjoni kontinwa tagħhom fis-suq tax-xogħol; għalhekk, għandha tingħata aktar attenzjoni li jinżamm kuntatt ma' min iħaddem matul il-leave jew permezz ta' arranġamenti għar-ritorn lura lejn ix-xogħol;

23. Billi dan il-ftehim jikkunsidra l-bżonn li jitjiebu l-ħtiġijiet tal-politika soċjali, biex titjieb il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' rbit amministrattiv, finanzjarju u legali b'tali mod li jinżamm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju;

24. Billi l-imsieħba soċjali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex isibu soluzzjonijiet li jaqblu mal-bżonnijiet kemm ta' min iħaddem u kemm tal-ħaddiema u għalhekk għandu jkollhom rwol speċjali fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fil-valutazzjoni ta' dan il-ftehim, fil-kuntest usa' ta' miżuri oħrajn biex titjieb ir-rikonċiljazzjonii tar-responsabbiltajiet professjonali u familjari u biex ikun hemm promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

## II – IL-KONTENUT

### Klawżola 1: L-għan u l-ambitu

1. Dan il-ftehim jistabbilixxi rekwiżiti minimi mfassla biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri u dawk professjonali għall-ġenituri li jaħdmu, b'kunsiderazzjoni għaż-żieda fid-diversità tal-istrutturi familjari filwaqt li jirrispettaw il-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattiċi nazzjonali.

2. Dan il-ftehim japplika għall-ħaddiema kollha, irġiel u nisa, li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' xogħol kif definit mil-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru.

3. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali ma għandhomx jeskludu mill-ambitu u mill-applikazzjoni ta' dan il-ftehim ħaddiema, kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' impjieg sempliċiment minħabba li dawn għandhom x'jaqsmu ma' ħaddiema part-time, ħaddiema b'kuntratt għal żmien definit jew persuni b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju.

### Klawżola 2: Il-leave għall-ġenituri

1. Dan il-ftehim jagħti lill-ħaddiema rġiel u dawk nisa d-dritt individwali għal-leave għall-ġenituri għar-raġuni ta' twelid jew adozzjoni biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-wild sal-età li tista' tkun ta' tmien snin li għandha tiġi definita mill-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali.

2. Il-leave għandu jingħata għal perjodu ta' mill-anqas erba' xhur u, għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn irġiel u nisa, għandu, fil-prinċipju, jingħata fuq bażi mhux trasferibbli. Biex ikun inkoraġġut teħid aktar ugwali bejn iż-żewġ ġenituri, tal-anqas wieħed mill-erba' xhur għandu jkun provdut fuq bażi mhux trasferibbli. Il-modalitajiet tal-applikazzjoni tal-perjodu mhux trasferibbli għandhom ikunu stipulati fuq livell nazzjonali permezz ta' leġiżlazzjoni u/jew ftehim kollettiv li jikkunsidra l-arranġamenti tal-leave fl-Istati Membri.

### Klawżola 3: Il-modalitajiet tal-applikazzjoni

1. Il-kundizzjonijiet tal-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-leave għall-ġenituri għandhom ikunu definiti mil-liġi u/jew bi ftehim kollettiv fl-Istati Membri, sakemm ir-rekwiżiti minimi ta' dan il-ftehim ikunu mħarsa. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu, b'mod partikulari:

(a) jiddeċiedu jekk il-leave għall-ġenituri jingħatax fuq bażi full-time jew part-time, b'mod frammentat jew b'sistema ta' kreditu ta' ħin, b'kunsiderazzjoni għall-bżonn kemm ta' min iħaddem u kemm tal-ħaddiema;

(b) jissoġġettaw il-kwalifikazzjoni għal-leave għall-ġenituri għal perjodu ta' xogħol u /jew ta' servizz fix-xogħol li ma jistax ikun ta' aktar minn sena; l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jiżguraw, meta jużaw din id-dispożizzjoni, li fil-każ ta' kuntratti suċċessvi ta' żmien stipulat mal-istess kumpanija, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE dwar xogħol ta' żmien stipulat, għandu jkun ikkunsidrat it-total ta' dawn il-kuntratti għall-fini tal-kalkolu tal-perjodu ta' kwalifika;.

(c) jiddefinixxu ċ-ċirkostanzi li fihom min iħaddem, wara konsultazzjoni skont il-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattiċi nazzjonali, huwa permess jipposponi l-għoti tal-leave għall-ġenituri għal raġunijiet ġustifikabbli relatati mal-operat tal-organizzazzjoni. Kull problema li tinqala' mill-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha tkun trattata skont il-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattiċi nazzjonali;

(d) apparti (c), jawtorizza arranġamenti specjali li jissodisfa l-ħtiġijiet operattivi u organizzattivi ta' impriżi żgħar.

2. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jiffissaw perjodi ta' avviż li għandhom jingħataw mill-ħaddiem lil min iħaddem meta jeżerċita d-dritt tal-leave għall-ġenituri, fejn jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-perjodu tal-leave. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jikkunsidraw l-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem fl-identifikazzjoni tat-tul ta' dawn il-perjodi.

3. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jivvalutaw il-bżonn ta' aġġustament tal-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tal-leave għall-ġenituri għall-bżonnijiet tal-ġenituri ta' tfal b'diżabilità jew mard fit-tul.

**Klawżola 4: L-adozzjoni**

1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jivvalutaw il-bżonn għal miżuri addizjonali biex jittrattaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' ġenituri li jadottaw

**Klawżola 5: Id-drittijiet tal-ħaddiema u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni**

1. Fl-aħħar tal-leave għall-ġenituri, il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt jirritornaw għall-istess impjieg jew, jekk dan mhuwiex possibbli, għal impjieg ekwivalenti jew simili konsistenti mal-kuntratt tal-impjieg jew mar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom.

2. Id-drittijiet akkwiżiti jew fil-proċess li jkunu nkisbu mill-ħaddiem fid-data li fiha l-leave għall-ġenituri jibda għandhom jinżammu kif inhuma sa meta jintemm il-leave għall-ġenituri. Fit-tmiem tal-leave għall-ġenituri, dawn id-drittijiet, inkluż kull tibdil ikkawżat mil-liġi, minn ftehim kollettiv u/jew mill-prattiċi nazzjonali, għandhom japplikaw.

3. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jiddefinixxu l-istatus tal-kuntratt tal-impjieg jew tar-relazzjoni tax-xogħol għall-perjodu tal-leave għall-ġenituri.

4. Biex jiżguraw li l-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-leave għall-ġenituri, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri neċċessarji biex iħarsu lill-ħaddiem kontra trattament anqas favorevoli jew tkeċċija abbażi ta' applikazzjoni għal, jew teħid ta', leave għall-ġenituri skont il-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattiċi nazzjonali.

**5.** Il-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtá soċjali li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-ftehim għandhom jiġu kkunsidrati u ddeterminati mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali skont il-liġi u/jew il-ftehim kollettiv nazzjonali, b'kunsiderazzjoni għall-importanza tal-kontinwità tal-intitolamenti għall-kopertura tas-sigurtà soċjali taħt l-iskemi differenti, b'mod partikolari dak tas-saħħa.

Kull kwistjoni dwar id-dħul fir-rigward ta' dan il-ftehim għandha tiġi kkunsidrata u ddeterminata mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali skont il-liġi nazzjonali u/jew il-

ftehim kollettiv u/jew il-prattiċi nazzjonali, b'kunsiderazzjoni għar-rwol tad-dħul – fost fatturi oħrajn – fit-teħid ta' leave għall-ġenituri.

**Klawżola 6: Ir-ritorn lejn ix-xogħol**

1. Biex issir aktar promozzjoni għal rikonċiljazzjoni aħjar, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-ħaddiema, meta jirritornaw minn leave għall-ġenituri, ikunu jistgħu jitolbu tibdil fil-ħinijiet tax-xogħol tagħhom għal perjodu stipulat ta' żmien. Min iħaddem għandu jikkunsidra u jirrispondi għal dawn it-talbiet, b'kunsiderazzjoni kemm għall-bżonnijiet ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiem.

Il-modalitajiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ddeterminati skont il-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattiċi nazzjonali.

2. Sabiex ikun iffaċilitat ir-ritorn lejn ix-xogħol wara leave għall-ġenituri, il-ħaddiema u min iħaddem huma inkoraġġuti jżommu kuntatt matul il-perjodu ta' leave u jagħmlu arranġamenti għal miżuri xierqa ta' integrazzjoni mill-ġdid, li għandhom ikunu deċiżi bejn il-partijiet ikkonċernati, b'kunsiderazzjoni għal-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattiċi nazzjonali.

**Klawżola 7: Ħin frank mix-xogħol abbażi ta' forza maġġuri**

1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jintitolaw il-ħaddiema għal ħin frank mix-xogħol skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattiċi nazzjonali, abbażi ta' forza maġġuri għal raġunijiet urġenti tal-familja f'każ ta' mard jew inċident li jirrendi l-preżenza immedjata tal-ħaddiem indispensabbli.

2. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-klawżola 7.1 u jillimitaw dan id-dritt għal ċertu ammont ta' żmien fis-sena u/jew skont il-każ.

**Klawżola 8: Dispożizzjonijiet finali**

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stabbiliti f'dan il-ftehim.

2. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħti lill-ħaddiema kopert minn dan il-ftehim. Dan ma għandux jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri u/jew tal-imsieħba soċjali li jiżviluppaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew kuntrattwali differenti, fid-dawl ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi (inkluża l-introduzzjoni tan-nuqqas ta' trasferibbiltà), sakemm il-ħtiġijiet minimi previsti f'dan il-ftehim ikunu mħarsa.

3. Dan il-ftehim ma għandux jippreġudika d-dritt tal-imsieħba soċjali li jikkonkludu, f'livell approprjat inkluż il-livell Ewropew, ftehim li jaddatta u/jew jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim sabiex ikunu kkunsidrati ċirkostanzi partikolari.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mad-deċiżjoni tal-Kunsill fi żmien sentejn mill-adozzjoni tagħha jew għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali jintroduċu l-miżuri neċessarji permezz ta' ftehim, sa tmiem dan il-perjodu. L-Istati Membri jistgħu jkollhom, jekk dan ikun neċessarju biex jittieħed kont ta' diffikultajiet partikulari jew tal-implimentazzjoni permezz ta' ftehim kollettiv, massimu ta' sena addizzjonali biex jikkonformaw ma' din id-deċiżjoni.

5. Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwistjonijiet u lmenti kkawżati mill-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandhom ikunu kkunsidrati skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattiċi nazzjonali.

6. Bla ħsara għar-rwol rispettiv tal-Kummissjoni, tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, kull kwistjoni relatata mal-interpretazzjoni ta' dan il-ftehim fuq livell Ewropew għandha, fl-ewwel lok, tiġi riferita mill-Kummissjoni lill-partijiet firmatarji biex jagħtu opinjoni.

7. Il-partijiet firmatarji għandhom jirrevedu l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim ħames snin wara d-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill jekk mitlub minn wieħed mill-partijiet ta'dan il-ftehim.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2009

Għall-ETUC

John Monks

Is-Segretarju Ġenerali

F'isem id-delegazzjoni tat-trejdjunjins

Għal BUSINESSEUROPE

Philippe de Buck

Id-Direttur Ġenerali

Għall-UEAPME

Andrea Benassi

Is-Segretarju Ġenerali

Għas-CEEP

Ralf Resch

Is-Segretarju Ġenerali